II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/2209

**tas-7 ta' Diċembru 2021**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1083 (EUTM Mali/2/2021)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Mali, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUTM Mali.

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1083 ([2]) li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Jochen DEUER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mali mis-7 ta' Lulju 2021.

(3) Fis-7 ta' Ottubru 2021, l-Awstrija pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral Jochen DEUER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mali mill-21 ta' Diċembru 2021.

(4) Fit-22 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik il-proposta.

(5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Christian RIENER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mali mill-21 ta' Diċembru 2021.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1083 tithassar.

(7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

([1]) ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/1083 tat-23 ta' Ġunju 2021 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/6 (EUTM Mali/1/2021) (ĠU L 235, 2.7.2021, p. 12).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Christian RIENER huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (UE EUTM Mali) mill-21 ta' Diċembru 2021.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1083 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2021.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
D. PRONK